MALTA

# BORD DWAR IL-KONTROLL TA' KIRI TA' RABA

## MAGISTRAT DR.

## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2015

Rikors Numru. 13/1996/1

**B & B Property Development Company Limited**

**vs**

**Toni Caruana**

Il-Bord,

Ra ir-rikors promotur ippresentat fit-13 ta' Mejju 1996 fejn is-socjeta rikorrenti stqarret illi hija tikri lill-intimat l-ghalqa maghrufa bhala 'Ta' Bur Hamiem', Bir id-Deheb, fil-limiti ta' Hal-Ghaxaq, u allegat illi l-intimat kien qieghed jonqos milli jhares il-kundizzjonijiet tal-kirja kif ukoll illi, deliberatament u bi traskuragni kbira, ikkaguna jew halla li tigi kkagunata hsara fl-gahlqa lilu imqabbla. Kien ghalhekk illi s-socjeta rikorrenti talbet lill Bord sabiex tawtorizzaha tirriprendi il-pussess tal-ghalqa u tiprefiggi terminu qasir u perentorju ghall-izgumbrament.

Ra ir-risposta ippresentat fl-20 ta' Mejju 1996 fejn l-intimat laqa' ghal dak mitlub billi stqarr, l-ewwel u qabel kollox, illi dana kien it-tielet tentattiv tas-socjeta rikorrenti sabiex tirriprendi l-pussess tal-ghalqa, wara proceduri gia mibdija fis-sena 1982 u fis-sena 1988 u mtemma fit 23 ta' Marzu 1990. Sahaq illi l-ghalqa meritu tal-kawza odjerna kienet ghalqa ta' sbatax-il tomna li f'parti minnha hemm razzett ghall-baqar u annimali illi huwa protett bil-Ligi u li fiha jsir it-trobbija tal-baqar u annimali a piena konoxxenza tas-sidien. Sahaq ukoll illi l-parti l-kbira tal-ghalqa hija koltivata u mhix qed tithalla fi stat traskurat kif qed jigi allegat.

Ra ix-xhieda ta' **Norman Buckle**, rappresentant tas-socjeta rikorrenti, moghtija fil-11 ta' Ottubru 1996.

Ra l-affidavit ta' l-intimat **Toni Caruana** ippresentat fil-15 ta' Novembru 1996 flimkien mad-dokumentazzjoni minnu esebita.

Ra l-affidavit ta' **Emanuel Scicluna**, neputi ta' l-intimat u iben Maddalena Scicluna, oht l-intimat. ippresentat fil-15 ta' Novembru 1996.

Ra illi fid-29 ta' Novembru 1996 il-Bord innomina lill-Perit Frederick Valentino u is-Sur Anthony Mifsud sabiex jassistuh.

Ra l-affidavit ta' **Victor Balzan**, xhud tas-socjeta rikorrenti, ippresentat fit-2 ta' Marzu 1998 flimkien ma' dokmentazzjoni hemm annessa.

Ra ix-xhieda ta' **Joseph Felice**, rappresentant tal-Awtorita' tal-Ippjanar, moghtija fit-13 ta' Ottubru 1999.

Ra id-dokument esebit mill-intimat fl-20 ta' Settembru 2000 a fol 70 tal-process.

Ra ix-xhieda in kontro ezami ta' Joseph Felice moghtija fl-20 ta' Ottubru 2000.

Ra illi fit-22 ta' Gunju 2001 ir-rikorrent iddikjara illi l-provi tieghu kienu maghluqa.

Ra il-kontro ezami ta' Victor Balzan illi saret fl-4 ta' April 2003.

Ra illi, fil-5 ta' Frar 2004, il-Bord, diversament kompost, reggha innomina lill-Perit Frederick Valentino u lis-Sur Anthony Mifsud sabiex jassistu l-Bord.

Ra illi l-Periti ippresentaw ir-rapport taghhom fid 29 ta' Novembru 2004.

Ra ix-xhieda ta' **Johan Buttigieg**, rappresentant tal-MEPA, moghtija fl-10 ta' Ottubru 2005 flimkien ma dokumenti minnu esebiti.

Ra ix-xhieda ta' **Philip Sammut**, Enforcement Officer fi hdan il-MEPA, moghtija fl-10 ta' Mejju 2006.

Ra ix-xhieda ta' **Ivor Robinich**, rappresentant tal-MEPA, moghtija fil-5 ta' Gunju 2006.

Ra ix-xhieda ta' Philip Sammut, gia prodott precendentement, moghtija fil-5 ta' Gunju 2006.

Ra ix-xhieda ta' **Dennis Darmanin**, Senior Environmental Technician fi hda il-MEPA, moghtija fl-14 ta' April 2008.

Ra ix-xhieda tal-**Perit Godwin Aquilina** moghtija fid-19 ta' Jannar 2009 u fit-23 ta' Marzu 2009 u dokumenti minnu esebiti.

Ra ix-xhieda in kontro ezami ta' **Norman Buckle** moghtija fid-29 ta' Ottubru 2009.

Rat in-nota b'dokumenti tal-konvenut ippresentata fil-11 ta' Jannar 2010.

Rat il-kontro ezami ta' l-intimat **Toni Caruana** illi sar fil-15 ta' Marzu 2010.

Ra il-kontro ezami ta' **Emanuel Scicluna** illi sar fil-15 ta' Marzu 2010 u fit-23 ta' Gunju 2010.

Ra illi fit-23 ta' Novembru 2011, dana il-Bord kif kompst, ha konjizzjoni tal-kaz.

Sema ix-xhieda ta' **Norman Buckle**, in kontro ezami, moghtija fl-20 ta' Jannar 2012 u fil-21 ta' Marzu 2012.

Ra l-affidavit ta' John Abela ippresentat fil-21 ta' Marzu 2012.

Semghet ix-xhieda u kontro ezami ta' **John Abela**, moghtija fl-4 ta' Lulju 2013 u fl-14 ta' Novembru 2013 u rat id-dokumentazzjoni esebita fl-14 ta' Novembru 2013.

Ra illi fit-12 ta' Frar 2014 il-Bord iddikjara il-provi intimati bhala maghluqa.

Ra illi fid-19 ta' Frar 2014 il-kawza giet differita ghas-sottomissjonijiet.

Ra illi fit-30 ta' April 2014 s-socjeta rikorrenti ippresentat in-nota ta' sottomissjonijiet taghha.

Rat illi fl-24 ta' Settembru 2014 l-intimat ippresenta n-nota ta' sottomissjonijiet tieghu.

Rat illi fl-24 ta' Settembru 2014 il kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidra**

Jibda biex jigi osservat, l-ewwel u qabel kollox, illi l-kawza odjerna ilha ghaddejja ghal kwazi dsatax-il sena, u tul tali periodu, ghaddiet minn taht idejn hames gudikanti differenti, bil-metodologiji differenti illi kull gudikant kellu fil-gbir tal-provi. Madanakollu, wara illi l-Bord, kif kompost, ha konjizzjoni tal-process illi ghandu aktar minn hames mitt faccata fih, kif ukoll semghet uhud mill-provi prodotti, huwa f'pusizzjoni illi tasal ghal gudizzju fuq dak imressaq wara illi gie dikjarat illi ma kienx hemm aktar provi x'jippresentaw fit 12 ta' Frar 2014 u fl-24 ta' Settembru 2014 gew ippresentati is-sottomissjonijiet taz-zewgt partijiet.

**Ikkunsidra**

Jirrizulta illi l-intimat, Toni Caruana, huwa iben Tony Caruana, u kellu zewgt hutu bniet, ossija Maddalena Scicluna u Giovanna Abela.

Jirrizulta illi l-art, meritu tal-kawza odjerna, illi hija indikata fil-pjanta esebita bhala Dok AD1 a fol 214 tat-tieni volum tal-process, kienet ilha imqabbla lill-familja ta' l-intimat ghal hafna snin u kienet f'idejn missier l-intimat. Mument minnhom, fis-snin hamsin, missier l-intimat ghadda l-ghalqa meritu tal-kawza odjerna lill tlett it-tfal tieghu, u bhala rizultat, il-bicca ta' sitt hbula giet mghoddija, tlett hbula lill-intimat, zewgt hbula lill Maddalena Scicluna u habel wiehed lill Giovanna Abela.

Jirrizulta illi ghalkemm saret tali divizjoni minn missierhom, kien l-intimat li baqa' jiehu hsieb l-art kollha u, di fatti, jirrizulta illi l-intimat kien ihallas il-qbiela hu ta' l-art kollha, ossija is-sitt hbula kollha, lis-sidien precendentement ghal dawk odjerni, li kienu certa familja Formosa, u imbghad hutu l-bniet kienu ihallsuh tas-sehem taghhom.

Jirrizulta illi, ghajr ghal dik il-bicca art illi kien jahdimha l-intimat direttament, il-bictejn l-ohra kienu jintuzaw minn zwieg hutu l-bniet fuq imsemmija, u eventwalment mit-tfal taghhom, u il-parti li kienet tmiss lill Maddalena Scicluna kienet qed tintuza mit-tifel taghha Emanuel Scicluna, filwaqt illi l-parti li kienet tmiss lill Giovanna Abela kienet tintuza mit-tifel taghha John Abela.

Jirrizulta illi ta' dan ma sar qatt xi haga bil-miktub bejn l-ahwa izda, ghalkemm l-intimat kien jidher hu bhala l-okkupant uniku ta' l-ghalqa meritu tal-kawza odjerna, kien hemm dejjem il-ftehim illi kull parti kellha dritt esklussiv tokkupa u taghmel uzu mill-parti lilha mghoddi minn missierhom.

Jirrizulta mix-xhieda illi, t-tlett ahwa uzaw l-parti li messet lilhom mill-eghlieqi, sabiex jkun mizruh prodott agrikolu kif ukoll sabiex jitrabbew l-annimali, principalment moghoz u baqar, u dana bhalma kien ghamel missierhom qabel kif ukoll l-antenati ta' qabilhom.

Jirrizulta illi fit-12 ta' Frar 1980, Emanuel Scicluna, ossija it-tifel ta' Maddalena Scicluna illi kienet qieghda taghmel uzu minn zewgt hbula ta' l-art, inghatalu il-permess sabiex jaghmel "*extension to existing dairy farm*" kif ukoll sabiex itella hitan mad-dawra li kellhom jkunu kollha tal-franka.

Jirrizulta, ghalkemm is-socjeta rikorrenti qatt ma esebiet il-kuntratt illi biha inxtrat l-art in kwistjoni, illi fl-10 ta' Gunju 1980, is-socjeta rikorrenti, akkwistat l-art, kif tidher fil-pjanta esebita mis-socjeta rikorrenti a fol 174 tat-tieni volum u, skond ix-xhieda ta' Victor Balzan, rappresentant tas-socjeta rikorrenti, huma kienu a korrent illi fl-ghalqa kien hemm l-intimat, Toni Caruana, bhala bidwi.

Jirrizulta illi fis-sena 1995, wara illi l-istess Emanuel Scicluna kien qieghed ittella l-hitan ta' mad-dawra illi ma kienx tella precdentement ghalkemm kellu permess sabiex jaghmel dan, inhargitlu Enforcement Notice mill-Planning Authority sabiex jieqaf milli jaghmel dan peress illi l-permess originali illi kellu kien skada.

Jirrizulta illi, rizultat ta' dana l-Enforcement Notice, Emanuel Scicluna applika sabiex jinghata permess biex jgholli tali hajt, liema applikazzjoni huwa sussegwentement irtira peress illi huwa kien indika li kien sid il-propjeta' meta attwalment dana ma kienx minnu.

Jirrizulta illi fis-sena 1997, reggha sar Enforcement Notice iehor peress illi instab illi kellu "cow shed u strutturi ohra" bla permess.

Jirrizulta illi, fl-1 ta' Novembru 1999, wara applikazzjoni illi saret da' parte ta' Emanuel Scicluna fis-sena 1998, huwa inghata permess ghas-segwenti xoghlijiet: "*to raise part of party wall by five course, change existing dangerous roof of parlour, demolish and re-erect calcing pen and erect shed*".

Jirrizulta illi fit-22 ta' Frar 2006 Emanuel Scicluna applika sabiex jissanzjona tibdiliet illi kien saru "*in size of approved milk room and store and erection of partition wall to existing dairy farm*", wara liema applikazzjoni il-MEPA harget Enforcement Notice Nru 247/06 fit 28 ta' Marzu 2006.

Jirrizulta illi fil-11 ta' April 2006, il-MEPA regghet harget Enforcement Notice ohra, numru 295/06, kontra Emanuel Scicluna fejn intqal illi kellu zvilupp mighajr permes li kien jikkonsisti minn bini li kienu qed iservu ta' mhazen u/jew garaxxijiet. Madanakollu, skond xhieda ta' Philip Sammut, Enforcement Officer li kien inkarigat mill-kaz, irrizulta illi tali art ma kienetx qieghda tintuza minn Emanuel Scicluna izda kienet bicca art li kienet qieghda tintuza minn certa Andrew Briffa izda kienet harget fil-konfront ta' Emanuel Scicluna peress illi s-socjeta rikorrenti kellha bicca art ferm akbar minn dik okkupata minn Scicluna u l-intimat u tali binjiet illegali kienu nbnew fuq tali art, ghalkemm irrizulta sussegwentement li tali art ma kienetx tifforma parti minn dik meritu tal-kawza odjerna.

Jirrizulta illi fis-17 ta' April 2006 Emanuel Scicluna applika "*to extend existing dairy farm to required European Standards*".

Jirrizulta illi fit-22 ta' Frar 2006, l-applikazzjoni illi kien ghamel Emanuel Scicluna fit-22 ta' Frar 2006 sabiex jigu sanzjonati bidliet illi kien ghamel giet milqugha mill-MEPA. (fol 19 Vol 2)

Jirrizulta illi fit-28 ta' Novembru 2007, l-applikazzjoni illi kien ghamel Emanuel Scilcuna fis-17 ta' April 2006 sabiex jottempera ruhu mal-legislazzjoni Ewropeja giet milqugha mill-MEPA. (fol 27 Vol 2)

Jirrizulta illi ghal kull applikazzjoni illi saret minn meta s-socjeta rikorrenti kienet sid l-art in kwistjoni, hija dejjem oggezzjonat ghal tali zvilupp.

**Ikkunsidra**

Jirrizulta mill-att promotur, illi s-socjeta rikorrenti, fit-13 ta' Mejju 1996, data meta l-proceduri odjerni nbdew, kienet talbet illi l-intimat jigi zgumbrat mill-art meritu tal-kaz odjern wara illi l-Bord jawtorizza lill-istess socjeta rikorrent tirriprendi l-art in kwistjoni peress illi "*l-istess intimat naqas li jhares il-kondizzjonjiet tal-kirja u ukoll deliberatament u bi traskuragni ikkaguna jew halla li tigi kagunata hsara fl-ghalqa lilu mqabbla*".

Jirrizulta, ghalhekk, illi ghalkemm il-Bord kien rinfaccjat b'dokumentazzjoni vasta u hafna drabi ripetittiva dwar Enforcement Notices, Applikazzjonijiet u Permessi mahruga wara il-presentata tal-kawza odjerna, kif fuq ampjament spjegat, il-Bord irid jezamina s-sitwazzjoni renjanti fuq l-art in kwistjoni fil-mument illi l-kawza odjerna giet intavolata, kif irrilevat il-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza deciza fit 3 ta' Novembru 2004 fl-ismijiet '**Grezzju Caruana et vs Guzepi Degabriele**".

**Ikkunsidra**

Permezz ta' rapport ippresentat fid-29 ta' Novembru 2004 (Fol 113 Vol 1), l-espert imqabbda mill-Bord, il-Perit Frederick Valentino u is-Sur Anthony Mifsud irrelataw dwar access illi huma ghamlu fuq l-art in kwistjoni fit 28 ta' Mejju 2004 u osservaw is-segwenti

"

*a. in kwantu ghal ghalqa konfinanti mat-triq, dina tinstab fi stat zdingat;*

*b. rigwardanti it-tieni ghalqa fuq gewwa, dina kienet tiben. Kien hemm struttura cirka 3.66m x 12.19m x 10f imsaqqfa bi pjanci taz-zingu flimkien ma' pavimentar tal-konkos kontigwa ma' hajt ta' terzi bl-istess qisien, kien hemm struttura ohra, imsaqqfa bi pjanci taz-zingu, bit-travi tal-hadid imdendlin, gholi ta' cirka 13f;*

*c. skond l-intimat waqt l-access, jirrizulta li sezzjoni minn din l-ghalqa kienet ittiehdet ghall-binja li tintuza mill-Lottu Pubbliku f'dawn l-inhawi ta' Bir id-Deheb, Hal Ghaxaq;*

*d. rigward sigar fl-istess raba kien hemm 21 sigar tal-lewz, helu u morr, 24 sigar tal-frott irqieq, sigra tat-Tuta u ohra tat-Tin, 10 sigar tac-citru, 3 sigar taz-Zebbug u 12-il sigra tad-dwieli;*

*e. Kien hemm ukoll erbat ikmamar rurali fejn jitkabbru dundjani, tigieg, moghoz u naghag;*

*f. kien hemm tlett ambjenti, wiehed minnhom tintuza bhala stalla ghaz-ziemel filwaqt illi t-tnejn l-ohra jintuzaw ghall-skopjijet ta' magazinnagg konness ma' l-istess raba. Dawna huma mibnija b'hitan tal-franka, hdax-il filata. wahda minnhom imsaqqfa bi brikketti tal-bricks, b'superfici ta' 4.57m u 18.28m;*

*g. fin-naha ta' isfel ta' l-istess lokazzjoni, hemm Razzett tal-Baqar b'cirka ghadd ta' hamsin baqra jahilbu, zewgt zwiemel u fniek;*

*h. hemm zewgt ghelieqi fin-naha ta' isfel mahdumin b'ucuh ta' patata u qamh u hemm tnax il-siugra esotici/ornamentali mal-hajt."*

**Ikkunsidra**

Fl-ambitu tat-talba tas-socjeta rikorrenti, ossija dik ibbazata fuq l-Artjolu 4 (2) (f) tal-Kap 199 tal-Ligijet, il-Bord jaghmel referenza ghal dak li ntqal fil-kawza **Nicholas Jensen et vs Emanuel Galea**, deciza mill-Qorti tal-Appell fl-4 ta' Mejju 2005, fejn il-Qorti ta' l-Appell tkellmet dwar x'ghandu jinftiehem bhala uzu tar-raba fil-kuntest ta' akkuzi illi l-art saritilha hsara billi intuzat ghal skopjijiet ohra, u dina qalet:-

*Premessi dawn il-varji aspetti estratti mill-aggravji, jinghad qabel xejn, bhala osservazzjoni introduttiva ta' indoli generali, illi l-kuntratt ta' kiri ta' fond rustiku, tnehhi certi tipi partikulari fejn ikun hemm arrangamenti assocjati bhal per ezempju l-koltivazzjoni tar-raba flimkien mat-trobbija ta' bhejjem, di regola ghandu bhala oggett il-godiment ta' haga produttiva u ghalhekk l-affitt ta' raba jista' jigi definit bhala l-lokazzjoni ta' art ghall-koltivazzjoni ta' prodotti agrikoli versu l-korrispettiv ta' qbiela;*

*Minn dan jemergi l-obbligu fil-gabillott kerrej li jikkoltiva r- raba u li jaghmel uzu minnha qua bonus paterfamilias, u skond id-destinazzjoni taghha. L-obbligu hu dak allura li l- kerrej jikkonduci gestjoni produttiva u jezercita attivita` agrarja. Kif espress fid-decizjoni fl-ismijiet "Markiz Joseph Scicluna -vs- Joseph Bezzina et", Appell, 6 ta' Ottubru 1999, "meta l-ligi titkellem dwar l-uzu tar-raba riedet tfisser illi r-raba jkun mahdum skond is-sengha biex jigi utilizzat ghall-produzzjoni tal-prodott";*

*Naturalment huwa lecitu li jigi sottolinejat illi l-art mikrija trid tkun suxxettibbli ta' koltivazzjoni;*

Fl-istess sentenza, jinghad ukoll is-segwenti:

*"In linea ta' principji ma jistax ikun disputat illi meta kerrej juza r-raba jew parti minnha bhala speci ta' mahzen jew garage ghat-tqeghid fiha ta' karozzi qodma biex minnhom jestraji l-ispares ghas-sengha principali tieghu ta' mekkanik, dan igib ksur tal-kundizzjonijiet tal- kirja [subparagrafu (f)] billi hu ma setax juza r-raba ghal tali skop. Ara a propozitu sentenza fl-ismijiet "Rosalie Mifsud et -vs- Carmelo Pace Gasan et", Appell, 28 ta' Frar 1994, fejn irrizulta li l-kerrej uzu l-ghalqa ghall- magazzinagg ta' irham konness man-negozju tieghu"*

**Ikkunsidra**

Jirrizulta ben ippruvat illi, qabel mas-socjeta rikorrenti akkwistat l-art meritu tal-kawza in kwistjoni, l-intimat u l-antenati tieghu kienu ilhom jokkupaw l-art b'titolu ta' qbiela u jaghmlu uzu minn tali art ghall-skopijiet agrikoli u ghat-trobbija ta' bhejjem bi skop agrikolu.

Jirrizulta ben ippruvat illi, ghalkemm tul id-dsatax il-sena illi damet ghaddeja dina il-kawza is-socjeta rikorrenti qatt ma ippresentat l-att notarili illi biha hija kienet akkwistat l-art meritu tal-kawza odjerna, l-istess socjeta rikorrenti kienet ben a korrent tal-fatt illi fuq l-art kien hemm bidwi u dana kien l-intimat.

Jirrizulta ben ippruvat illi, fil-mument illi s-socjeta rikorrenti akkwistat l-art in kwistjoni, mhux talli kien hemm bidwi, ossija l-intimat, izda kien hemm ukoll razzett ghat-trobbija tal-baqar, ossija 'Dairy Farm', illi kien ilu jopera ghal hafna snin u li, ftit zmien qabel mas-socjeta rikorrenti xtrat l-art in kwistjoni, inghata permess sabiex testendi l-istess 'Dairy Farm' u ttella hitan mad-dawra tar-razzett.

Jirrizulta ukoll illi, sussegwentement ghax-xiri ta' l-art da parte tas-socjeta rikorrenti, saru diversi Enforcements fuq l-istess art xprunati lkoll mill-istess socjeta rikorrenti, u dawna kollha relatati ma' xoghol illi kien qed isir in konnessjoni mad-'Dairy Farm' li qieghda tigi mhaddma minn Emanuel Scicluna.

Jirrizulta ben ippruvat illi Emanuel Scicluna, illi huwa n-neputi ta' l-intimat, qieghed jahdem tnejn mis-sitt hbula illi tokkupa l-art meritu tal-kawza odjerna, filwaqt illi habel iehor qieghed jintuza minn John Abela, illi huwa neputi iehor ta' l-intimat u it-tlett ihbula l-ohra qieghdin jintuzaw mill-intimat.

Jirrizulta ben ippruvat illi l-lanjanzi principali tas-socjeta rikorrenti u il-bazi fuq xiex huma qed isejsu l-azzjoni odjerna kienet principalment ix-xoghol illi kien qieghed isir gewwa d-'Dairy Farm', u dana jirrizulta mill-varji rapporti u oggezzjonijet illi huma kienu ghamlu fil-konfront ta' Emanuel Scicluna.

Jirrizulta ben ippruvat ukoll fil-kumplament ta' l-art mahduma minn John Abela u mill-intimat, strutturi ghajr dawk illi jintuzaw ghall-skopijiet agrikoli ma kienx hemm, u dana huwa kkonfermat kemm mill-periti tal-Bord kif ukoll mill-ufficjali tal-MEPA li stqarrew li Enforcement Notice li inharget fuq bini illegali kienet inkorrettement inharget fil-konfront ta' Emanuel Scicluna.

Jirrizulta, skond ir-rapport redatt mill-Periti mqabbda mill-Bord, illi, ghajr ghall-ewwel ghalqa illi hemm biswit it-triq, li tidher illi thalliet zdingat u mhux utilizzata, il-kumplament ta' l-ghalqa lkoll kemm hi kienet qed tintuza ghal skopijiet agrikoli.

Ghalhekk, mill-provi kollha illi tressqu, ma jidhirx illi tressqu provi sufficjenti biex jppruvaw illi l-intimat naqas il-kondizzjonjiet tal-kirja u bi traskuragni ikkaguna jew halla li tigi kkagunata hsara fl-ghalqa, peress illi jirrizulta illi t-trobbija tal-bhejjem dejjem kienet issir fl-art in kwistjoni u ebda hsara lill-ghalqa ma tidher illi saret, ghajr ghan-nuqqas ta' uzu ta' parti mill-istess ghalqa, liema fatt ma jistax, madanakollu, jikkwalifika bhala hsara fl-ghalqa.

**Konkluzjoni**

Il-Bord,

Wara illi ra id-dokumentazzjoni kollha prodotta mill-partijiet;

Wara illi ra ix-xhieda prodotta u sema x-xhieda tal-partjiet;

Wara illi ra ir-rapport ta' l-esperti minnu imqabbad ippresentat fid 29 ta' Novembru 2004.

Wara illi ra is-sottomissjonjiet bil-miktub ta' l-abbli difensuri tal-partijet

Jghaddi biex jaqta u jiddeciedi l-kaz billi

**Jilqa**' l-eccezzjonjiet kollha ta' l-intimat u

**Jichad** it-talbiet attrici kollha kif mitluba.

Spejjez tal-proceduri kollha ikunu a kariku tas-socjeta  rikorrenti.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------